MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 32/1993/2

**Nazzareno Zerafa**

**Vs**

**Tabib John Portelli M.D.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur sab fil-bahar dghajsa mitluqa ghal riha bin-numru ta' registrazzjoni S 8126 li rrizultat li hija proprjeta tal-konvenut;

Premess illi l-attur ghalkemm interpella lill-konvenut ghall-hlas tal-kumpens lilu dovut ai termini tal-ligi dan baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Previa dikjarazzjoni li l-konvenut huwa proprjetarju tad-dghajsa tillikwida l-ammont lilu dovut mill-konvenut ghal tali sejbin ai termini tad-dritt marittimu;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi hekk likwidat;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-10 ta' Mejju 1992; 28 ta' Mejju 1992 u l-ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju 1992 inkluzi l-imghaxijiet;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Tabib John Portelli M.D. li biha huwa eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto stante illi ma hemm assolutament l-ebda indikazzjoni ta' meta u fejn tali fatti allegati fil-premessi graw, u ghalhekk ma hemmx l-indikazzjonijiet mehtiega mil-Ligi f'dan l-att gudizzjarju u ghalhekk ic-Citazzjoni de quo hija nulla u bla effett fil-Ligi;

2. Illi preliminarjament id-dghajsa tal-eccipjenti qatt ma giet mitluqa ghal riha u jinhtieg illi c-cirkostanzi premessi mill-attur jigu debitament ipprovati;

3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-12 ta' Mejju, 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju William Cassar Torreggiani sabiex jistabilixxi l-valuri li ssemmew fl-

Artikolu 345 (2) tal-Kap 234 cioe` “Merchant Shipping Act” u b’mod partikolari jistabilixxi l-valur tal-Boat salvata, l-isforzi li saru ghas-salvatagg, il-hin li ttiehed, jekk kienx hemm xi riskji involuti, kif ukoll il-valur tal-Boat li ntuzat ghas-salvatagg u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert gudizzjarju li tinsab a fol. 79 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza ta’ l-14 ta’ Lulju, 1999;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Il-provi f’din l-istanza huma s-segwenti:-

(i) L-attur jghid li fl-24 ta’ Awissu 1991 waqt li hu u siehbu Spiru Grech kienu hergin bil-frejgatina ta’ dan tal-ahhar huma sabu ‘boat’ mitluqa bic-cima mdendla. Din kienet cirka tlett mitt (300) metru boghod mix-xatt tax-Xghajra, Haz-Zabbar. Meta ressqu lejha nnota illi c-cima kienet maqtugha, u fuqha ma kien hemm hadd. Tela’ fuqha u irmonkawha lejn l-art fejn rabtuha (Affidavit ta’ l-attur a fol 14).

(ii) Dawn il-fatti huma korroborati mix-xhud Spiru Grech. Ara Affidavit tieghu a fol 21.

(iii) Ix-xhud l-Ispettur Peter Paul Zammit fl-Affidavit tieghu a fol 18 jikkonferma illi l-attur irraporta fl-Ghassa ta’ Haz-Zabbar is-sejbien tal-‘boat’; u mill-indagini kondotta minnhu sab li din kienet tappartjeni lill-konvenut, li gie kuntattjat u konsenjat il-‘boat’.

(iv) Skond l-attur il-konvenut ried jikkompensah pero’ irreferieh ghand il-konsulent legali tieghu. F’din l-istanza l-konvenut ma xehedtx.

Mir-rapport peritali (fol 79) jirrizulta li l-‘boat’ in kwistjoni kienet tal-marka Opel mudell 410, tul ta’ erbatax (14) il-

pied, manifatturata mill-glass fibre reinforced plastic b’mutur outboard tal-marka Mariner 20 H.P.;

Mill-Invoices esebiti a fol 91 u 92 jirrizulta li l-boat u l-mutur taghha kienu nxtraw fl-1987 ghal prezz ta’ cirka elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm1800). Fil-mument li ezaminaha waqt l-access tas-6 ta’ Lulju 1995 skond il-perit tekniku l-valur komplessiv attribwibbli kien elf u tliet mitt lira Maltija (Lm1300);

Issa fil-verita` skond il-verbal ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, tat-12 ta’ Mejju 1994 (fol 4)) il-perit tekniku kellu, oltre l-valur tal-boat salvata, jistabilixxi wkoll l-isforzi li saru ghas-salvatagg taghha, l-hin impjegat fl-operazzjoni u jekk kienx hemm riskji involuti. Dan b’referenza espressa ghall-Art. 345 (2) tal-Kap 234;

Minn dan kollu ma sar xejn u intant il-kontendenti irrimettew ruhhom ghar-rizultanzi peritali;

Il-Qorti ghalhekk ser ikollha taghmel id-deduzzjonijiet taghha biex tasal ghad-determinazzjoni qabel xejn jekk is-servizz prestat mill-attur ghandux ikun trattat bhala wiehed ta’ salvatagg veru u proprju skond kif stabbilit mil-ligi, d-dottrina u l-gurisprudenza. Jew invece ghandux ikun konsiderat fuq il-principju tal-“quantum meruit” ossija ta’ dritt ta’ kumpens ghas-servizz prestat. Hu x’inhu tibqa’ prevalenti r-regola ekwitattiva fis-sens li “omnia labor optat premium”;

Kif kellha okkazzjoni tafferma l-Qorti tal-Kummerc fil-kawza “**Capitano Giorgio Bacha, proprietario e comandante il bark greco ‘Artemis’ –vs- Capitan Emmanuele A. Pezzagli et**”, 30 ta’ Gunju 1870, riportata a Vol V p383:

“*E` di regola nei casi di bastimenti trovati per mare in istato di derelizione, abbandono, ricuperati e condotti in un porto di salvamento, che il compenso dovuto per legge per tali servizi non possa essere sempre ed uniformemente lo stesso per tutti i casi, ne’ aggiudicato a rigore di esempi, ma si nel detto caso di bastimenti*

*derelitti; come ogni altra specie di salvaggio, esso e' lascatio alla discrezione ed al prudente arbitrio del giudicante, regolato a seconda delle circostanze dei singoli casi, consistente nel grado del pericolo della proprieta` salvata, nel valore della stessa, nel rischio e repentaglio delle vite, nell'abilita`, energie ed ingegno spiegati dai salvatori, nel lavoro durato, e nella lunghezza del servizio fino ad ottenere un successo completo o parziale*."

Mod jew iehor huma fl-istess sens u direzzjoni d-decizjonijiet riportati a **Vol VII p577**; **Vol XXVII pIII p389** u **Vol XL pIII p974**.

Fil-kaz de quo ma jirrizultax li qatt kien hemm periklu ghal min irrenda s-servizz. Jirrizulta invece illi kien hemm certu periklu ghal 'boat' salvata. In kontro-ezami l-attur jghid li l-'boat' kienet mitluqa mar-rih li beda jimbottaha l-barra. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Philip Grech et nomine –vs- Jose' Louis Urrutia noe et**", Qorti tal-Kummerc, 10 ta' Mejju 1955 (Vol XXXIX pIII p863), "*In a claim for salvage reward it is not necessary that there should have been absolute danger for the property salved, but it is sufficient that there has been a state of difficulty and reasonable apprehension*."

Fuq l-iskorta ta' dak maghruf f'dan il-kaz, ir-raguni tiddetta li l-perikolu jew biza li l-boat kienet tkompli tigi mbottata l-barra bir-rih tassew kien jezisti. Ma kenitx biss biza "*in fancy or vaguely possible*" ("**George Attard –vs- Dierek Kuhn**", Appell Kummercjali 11 ta' Dicembru 1979) izda ta' probabilita` kbira, anke jekk mhux assoluta jew immedjata (Kennedy, "**Civil Salvage**", 4$^{th}$ Ed. P.14 citata fid-decizjoni appena riferita).

Issa l-prattika segwita mill-Qrati taghna f'kazijiet konsimili minn dejjem kienet li l-espert nominat minnha jkun dirett jindikalha l-ammont meritevoli ta' kumpens ghas-salvatagg. Ara decizjonijiet "**Muscat nomine –vs- Capt. Izazaronis**", Qorti Kummerc, 22 ta' Dicembru 1893; "**Rear Admiral Charles Philip Clarke –vs- Commander John**

**Edward Gibbons**", Qorti Kummerc, 26 ta' Gunju 1950, fost ohrajn.

F'dan il-kaz dan ma sarx. U allura l-Qorti jkollha tapplika l-arbitriju basta li dan taghmlu bhala "bonum viri" u tenut rigward tal-"valur tal-proprjeta' salvata" (Art 345 (2)(e) tal-Kap 234). Meta imbaghad, jittiehed qies tal-ftit hin impjegat biex jigi effettwat is-salvatagg, il-fatt li dan gie kondott minn tnejn minn nies bl-irmunkar isir permezz ta' dghajsa li ma tappartjenix lill-attur izda lil siehbu, illi mhux parti in kawza, l-fatt li din l-operazzjoni ma kienet tinvolvi l-ebda riskju ghall-attur jew ghal dan siehbu u fil-fatt saret bla sforzi ta' xejn, dejjem s'intendi konsiderati r-riskju ghal 'boat' salvata u l-valur taghha, din il-Qorti thoss li fl-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi l-kumpens gust li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attur ghandu jkun ta' ghoxrin fil-mija (20%) tal-valur ossija mitejn u sittin Lira Maltija (Lm260).

Ghal dawn il-motivi:-

Taqta u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-kumpens dovut mill-konvenut lill-attur ghas-salvatagg tal-boat numru ta' Registrazzjoni S-8126 fl-ammont ta' mitejn u sittin Lira Maltija (Lm260);

Tilqa' wkoll it-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' kumpens hekk likwidat;

L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------